

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 171/2014

tal-25 ta' Settembru 2014

**li jemenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) tal-Ftehim ŻEE
[2015/1239]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 214/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jemenda l-Annessi II, IV, XI, XII u XVIII għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (¹) jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jinġdied mal-punt 45zx (id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu I tal-Anness II mal-Ftehim ŻEE:

"— 32014 R 0214: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 214/2014 tal-25 ta' Frar 2014 (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 214/2014 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(¹) ĠU L 69, 8.3.2014, p. 3.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal mhuma indikati.